MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Mandat Numru. 824/2013/1

**Carmen Scerri f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' l-assenti ohta Antoinette Debattista**

**vs**
**Peter Paul Muscat; Clara Scicluna**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tat-3 ta' Gunju 2013 kontra l-intimati li ntlaqa' provvizorjament fl-istess jum;

Rat ir-risposta tal-intimati li opponew ghall-hrug tal-mandat;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

## Ikkunsidrat

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Il-kontenzjoni tar-rikorrenti hi illi r-rikorrenti u l-intimat Peter Paul Muscat huma proprjetaji tal-fond 22 Triq San Xmun Bugibba filwaqt li l-intimata Clara Scicluna hi uzufruttwarja. Fil-parti retroposta tal-istess fond hemm arja mmarkata bl-ahdar fuq pjnta a fol. 22 tal-process illi r-rikorrenti tikkontendi li tifforma parti mill-fond 22 Triq San Xmun u li l-intimat Muscat li hu proprjetaru tal-fond adjacenti 24 Triq San Xmun u tal-fond 24 Triq Bognor Beach qed jaghmel xogholijiet f'din l-arja li jilledi d-drittijiet ta' propjeta tal-istess rikorrenti.

Quddiem il-Qorti instemghet ix-xiehda ta' Clara Scicluna l-uzufruttwarja, li qalet li ilha tokkupa l-fond 22 Triq San Xmun mill-1972 sallum fejn stqarret li bejn il-bitha tal-fond 22 Triq San Xmun u l-arja mmarkata bl-ahdar hemm hajt li jiddividihom u ilu hekk mindu saret uzufruttwarja u li ma hemm ebda access ghal din l-arja mmarkata bl-ahdar mill-fond 22 Triq San Xmun, Bugibba.

L-intimat Muscat isostni li din l-arja tifforma parti mill-proprjeta tieghu li testendi bejn zewg toroq u hi formata mill-fond 24 Triq Bognor Beach u 24 Triq San Xmun, u illi hemm access ghal din l-arja mill-proprjetajiet tieghu biss.

F’dan l-istadju l-Qorti ma hix u ma ghandhiex tidhol fi kwistjonijiet ta’ mertu dwar it-titolu fuq din l-arja mmarkata bl-ahdar u l-indagini ghandu jkun limitat ghal prova prima facie tad-dritt.

L-uzufruttwrja Clara Scicluna xehdet li hi qua uzufruttwarja u okkupanti tal-fond 22 Triq San Xmun la ghandha pussess u anqas access ghal din l-arja, minhabba l-hajt li jiddividu l-fond 22 Triq San Xmun mill-arja mmarkata bl-ahdar li hi s-soggett tal-vertenza.

F’dan l-istadju ghalhekk u tenut kont li din hi vertenza limitata hafna ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni, ma jirrizultax li r-rikorenti ppruvat xi dritt prima facie fuq din l-arja u ghalhekk it-talba taghha ghandha tigi michuda salv u imppregudikati d-drittijiet tal-partijiet.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni u tirrevoka d-drigriet taghha tat-3 ta’ Gunju 2013 fejn laqghet provvizorjament il-hrug tal-mandat. Bl-ispejjez ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------